

# L-impenn żagħżugħ



**Damian Vella**
*Chairperson, Kummissjoni Żgħażagħ*

Għal dawn l-aħħar sena u nofs, kellna nimprovizzaw il-ħajja tagħna minħabba l-pandemija. Hadd ma kellu ħjiel li kienet ħa tiġi festa oħra u jkollna ngawduha fis-skiet mingħajr attivitajiet u mingħajr l-aktar ħaġa għal qalbna, il-mużika. L-impatt ta' din il-pandemija għadu ħadd ma jaf sewwa kemm ħa jkun. Jiddependi minna li nippruvaw, hekk kif jippermetti, li nerġgħu nqumu u naqħtu s-salt biex naqbdu r-rutina li konna drajna biha. Fl-aħħar sena pruvajna kemm stajna biex nagħmlu xi attivitajiet; uħud kienu ta' suċċess filwaqt li oħrajn kellna nipposponuhom għal aktar 'il quddiem.

Bħalissa l-Kummissjoni Żgħażagħ qiegħda twasslilkom minn żmien għal żmien ir-recordings tal-marċi li l-Banda Imperial għamlet matul l-aħħar snin; dan bil-għan li nġeddu l-memorji u kulħadd ikun jista' jgawdi dawn il-marċi. L-ewwel sett ta' marċi huma tas-snin 1999-2000 u jibqgħu tilgħin saż-żminijiet tal-lum. Dawn tistgħu ssibuhom fuq il-profil ta' Youtube bl-isem ta' "Għaqda Mużikali Imperial" kif ukoll permezz ta' link minn fuq il-paġna ta' facebook tal-għaqda.

Il-Kummissjoni qiegħda taħdem ukoll sabiex il-wirja bl-isem ta' "Iċ-Ċaħda" fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira terġa' tirritorna fil-bidu tas-sena d-dieħla, fejn qed nimmiraw li tkun waħda kbira u mgħammra bl-aqwa xogħol artistiku li tista' ssib ġewwa r-raħal tagħna. Ma nistax ma nirringrazzjax lil dawk kollha li jkunu involuti fil-wirja, fosthom Edmund Camilleri, John Sammut u l-grupp organizzattiv "Mejda Tal-Appostli Mellieħa AD 1980", Michael Cauchi, Vince Parnis, Carmen Vella, Carl Caruana minn Caruana Lighting Decorations, il-Kumitat Direttiv u sħabi ż-żgħażagħ.

Qabel nagħlaq nixtieq niringrazzja lil sħabi ż-żgħażagħ talli meta jkun hemm bżonn dejjem issibhom biex ixammru l-kmiem, lill-Kumitat Direttiv u lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor jgħinu lill-kummissjoni u l-għaqda tagħna biex nimxu 'l quddiem.

Nixtieq nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha u s-saħħa lil kulħadd. Dan iż-żmien diffiċli daqt wasal fit-tmiem u rridu nqumu aktar b'saħħitna minn qatt qabel. Sħabna li jinsabu fis-sema żgur li qed iħarsuna sew u jimlewna bil-kuraġġ.

Viva Marija Bambina u viva l-Banda Imperial.

**ID-DROGA TEQIRDEK...**
**Ħajtek f'idejk... TITLIFHIEX!!**

CLD
Caruana Light Decorations
Mob: 7984 5121



Eight24
PROPERTY & INTERIORS

It's a year of change - But change can also be for the better. A fresh start. Even for your home. Eight24 is a bespoke property planning, design and turnkey service covering from A to Z of your project needs. From the drawing board to the cushion covers and everything else in between. Delivered on time and on budget. It's time to enjoy your space.

info@eight24.mt | +356 2752 1035 | +356 7982 6535 | 68, Triq is-Sagħtar, Mellieħa | www.eight24.mt

# GROW YOUR BUSINESS

## TRANSFORM YOUR BUSINESS WITH A PROFESSIONAL WEBSITE

## FROM JUST EURO 95+Vat

### *OUR SERVICES:*

WEBSITE DESIGN / WEBSITE HOSTING / DOMAIN NAMES /
EMAIL SERVICES / CLOUD SOLUTIONS / WEB APPLICATIONS /
ONLINE BOOKING SYSTEMS / PAYMENT GATEWAY INTEGRATION /
E-COMMERCE SERVICES / CMS - ONLINE CONTENT MANAGEMENT /
SEO - SEARCH ENGINE RANKING OPTIMISATION / DATABASE SOLUTIONS /
FACEBOOK PAGE MANAGEMENT / ONLINE MARKETING STRATEGIES /
PORTAL DEVELOPMENT / MOBILE APPLICATION DEVELOPMENT

BOOK YOUR ***www.companyname.com*** before it's too late!!!

Free Basic Search Engine Marketing with every new website design.

We have ready-made solutions for:

- Property Developers & Real Estate Agents
- Travel Agencies
- Organisations & Clubs
- Photographers and Artists
- Restaurants & Bars
- Spas / Hair & Beauty Clinics
- Accommodation Services
- Radio & TV Stations

Contact Us for more information:

Ivan Vella (Foto Creative)
Office: 21578930
Mobile: 99824811
Email: info@fotocreative.com
Website: www.fotocreative.com

Microsoft Partner · Windows Azure · HTML 5 · ADWORDS QUALIFIED COMPANY Google · Google Developers · facebook developers